C/2024/6317

21.10.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.11758 – VANDEN AVENNE / ALCOGROUP / IGPC)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6317)

1. Fl-14 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Alcogroup SA ("Alcogroup", il-Belġju),

— Groep Vanden Avenne Comques NV ("Vanden Avenne", il-Belġju),

— Integrated Grain Processors Co-operative Inc. ("IGPC", il-Kanada).

Alcogroup u Vanden Avenne jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' IGPC.

Il-konċentrazzjoni se ssir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Alcogroup tiddistribwixxi l-bijoetanol għall-applikazzjonijiet tal-fjuwil u industrijali fl-Ewropa.

— Vanden Avenne tforni materjali primarji veġetali (inklużi materjali primarji veġetali pproċessati) lill-industriji tal-għalf, tal-ikel u tal-bijokarburanti fiż-ŻEE. Vanden Avenne hija attiva wkoll fil-ħżin taċ-ċereali.

— IGPC tipproduċi u tforni l-bijoetanol għal skopijiet ta' karburant u prodotti sekondarji (bħas-CO2 u l-għalf tal-annimali). IGPC għandha sit wieħed ta' produzzjoni fil-Kanada u primarjament tbigħ il-produzzjoni tagħha fil-Kanada.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

3. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11758 – VANDEN AVENNE / ALCOGROUP / IGPC

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË